**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 1 ta' April 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 15/2021BS**

**AB**

**vs**

**ĊD**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur AB illi espona:**

1. ILLI l-kontendenti żżewġu f'Ta' Sannat, Għawdex, fil-ħdax (11) ta' Ottubru elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), liema żwieġ jinsab reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta'Għawdex, bin-numru progressiv mija tlieta u ħamsin sbarra elf disa' mija u tnejn u disgħin (153/1992);

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, EF, li twieldet fit-tnax (12) ta' Awwissu elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) u ĠG li twieled

fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) u għalhekk it-tnejn huma maġġorenni;

3. ILLI l-ħajja miżżewġa ta' bejniethom saret illum impossibbli, u ż-żwieġ tagħhom tkisser irremedjabilment għal raġunijiet, fosthom dan minħabba differenzi rrikonċiljabbli u raġunijiet oħrajn serji, li skont il-liġi, jistgħu jagħtu lok għal separazzjoni personali;

4. ILLI effettivament l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017);

5. ILLI minn dakinhar 'l hawn il-partijiet marru għal rashom u kull parti bniet il-ħajja tagħha indipendenti mill-oħra;

6. ILLI ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress li ilhom snin twal mifruda minn xulxin;

7. ILLI l-esponenti jixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

a. Tiddikjara li ż–żwieġ bejn AB u ĊD fil-11 ta' Ottubru 1992 huwa maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.

**Rat ir-risposta tal-attriċi Judy Vella illi esponiet:**

1. ILLI in linea preliminari l-esponenti qed tinvoka l-privilegium fori ai termini tal-artikolu 767 u 741(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li kif anke jirriżulta mill-atti stess, l-esponenti tirrisjedi ġewwa Malta u ilha tirrisjedi hawn għal dawn l-aħħar erba' (4) snin;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'żieda mal-istess dwar il-mertu, l-esponenti qed toġġezzjona għat-talba ta' AB għall-ottjeniment tad-divorzju u dan għar-raġunijiet li ser isegwu;

3. ILLI jingħad illi bħala għalkemm il-partijiet ilhom xi żmien jgħixu separati de facto, bħala stat ta' fatt m'humiex legalment separati minn xulxin u għalhekk bejniethom għadha tirrenja l-kommunjoni tal-akkwisti li sal-lum għadha ma ġietx itterminata u likwidata;

4. ILLI di più r-rikorrent lanqas m'huwa jivversa manteniment versu l-esponenti martu, anke jekk l-esponenti qatt ma ddekadiet mid-dritt tagħha għall-istess;

5. ILLI għalhekk iċ-ċirkostanzi tal-partijiet mhux biss ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B għall-ottjeniment tad-divorzju, iżda jekk tintlaqa' l-istess talba, l-esponenti tiġi ppreġudikata fid-drittijiet tagħha u għalhekk it-talba ta' AB ma tistax tintlaqa';

6. Finalment, l-esponenti qed topponi wkoll għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni u tikkontendi li dawn għandhom jiġu akkollati lir-rikorrent;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Preliminari**

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 il-Qorti ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar il-*privilegium fori;*

**Ikkunsidrat:**

**L-Azzjoni**

Il-kawża odjerna tittratta talba għall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet.

Il-partijiet iżżewwġu fil-11 t'Ottubru 1992 ġewwa Ta' Sannat, Għawdex u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ (2) ulied li llum huma maġġorenni.

Stante illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment il-partijiet isseparaw de facto minn xulxin fl-24 ta' Marzu 2017. Illum il-partijiet jgħixu ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.

Il-konvenuta laqgħet billi in linea preliminari ssollevat l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* ai termini tal-Artikoli 767 u 741(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi hija tinsab tirrisjedi ġewwa Malta fejn ilha tirrisjedi mis-sena 2017.

**Id-Dritt**

L-Artikoli tal-liġi rilevanti għad-determinazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari ta' *privilegium fori* huma s-segwenti:

L-Artikolu 50 tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) hija kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kawżi stitwiti kontra:

> *"…l-persuni li joqgħodu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti."*

Imbagħad l-Artikolu 741(ċ)tal-Kap 12 jipprovdi li :

> *"L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata … meta huwa mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."*

Barra minn dawn l-Artikoli preċitati hemm ukoll l-Artikolu 767 tal-Kap. 12 illi jistabbilixxi li:

> *"Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqgħodu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer."*

In oltre, l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 jipprovdi li:

*"Il-privilegium fori jispiċċa wkoll fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari."*

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni attriċi ġiet intavolata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Mill-provi in atti jirriżulta illi l-konvenuta ilha tgħix ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta sa mis-sena 2017. Il-konvenuta xehdet illi minn mindu żżewġu sakemm isseparaw *de facto*, il-partijiet dejjem għexu fid-dar ta' residenza tagħhom fil-Fontana, Għawdex. Żiedet tgħid illi għalkemm hija tinsab tgħix ġewwa Malta, il-karta tal-identità tagħha għadha tindika bħala l-indirizz uffċċjali tagħha, l-indirizz tar-residenza ġewwa l-Fontana, Għawdex.

L-attur xehed illi huwa jinsab edott mill-fatt li l-attriċi tgħix ġewwa Malta tant illi kien hu stess illi ta' lill-Avukat tiegħu l-indirizz tal-attriċi ġewwa Ħaż-Żebbuġ, Malta.

Mill-atti jirriżulta illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ġie kontrattat ġewwa Għawdex u ġie reġistrat ġewwa l-Uffiċċju tart-Reġistru Pubbliku, Għawdex.

Fil-kors tat-trattazzjoni finali, l-attur ressaq l-argument illi ġaladarba ż-żwieġ ġie reġistrat ġewwa r-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, id-deċiżjoni tal-Qorti li biha jiġi pronunzjat id-divorzju trid tabilħaqq tiġi reġistrata ġewwa Għawdex. Jgħid illi dan il-fattur għandu jirbaħ fuq ir-residenza tal-konvenut ġewwa Malta.

Ai termini tal-Artikolu 772 tal-Kap. 12, meta l-konvenut jissottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni ta' gżira differenti minn dik illi jirrisjedi fiha, huwa għandu jitqies illi jkun irrinunzja għall-privileġġ tal-forum. Hekk ġara fil-każ tal-lum meta l-konvenuta, flok illi eċċepiet il-*privilegium fori* u waqfet hemm, hija nqdiet bl-okkażjoni u fl-istess nota ta' eċezzjonijiet issollevat ukoll diversi eċċezzjonijiet fil-mertu. Meta għamlet dan il-konvenuta awtomatikament u minn jedda ssoġġettat ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Għalhekk, anki jekk huwa minnu illi l-konvenuta tirrisjedi

ġewwa Malta, hija ġiet illi rrinunzjat inekwivokabilment għall-*privilegium fori*.

Il-Qorti tosserva illi anki li kieku għall-grazzja tal-argument kellu jingħad illi l-eċċezzjonijiet fil-mertu kif sollevati mill-konvenuta mhumiex suffiċjenti sabiex b'daqshekk hija assoġġettat ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* xorta waħda tfalli fuq binarji oħrajn.

L-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* li tqajmet mill-konvenut *in limine litis* ġiet trattata mill-Qrati Maltin diversi drabi. Hekk pereżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw** deċiża fl-20 ta' Mejju 1994 fejn il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi:

> *"L-artikolu 50 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta' Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi l-kompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f'kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li l-kawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skont il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari."*

Irid jingħad ukoll illi l-*privilegium fori* jispiċċa:-

1. Meta l-għadd ta' konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex hu ndaqs (Artikolu 769);

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawża, għandha skont il-ftehim tiġi esegwita fi gżira partikolari (Artikolu 770);

3. Meta jkun hemm rinunzja għalih mill-persuna li għandha jedd għalih (Artikolu 772).

Fil-kawża fl-ismijiet **Gorg Vella noe et vs Rev. Charles Cini deċiża mill-Qorti Ċivili**, Prim'Awla fis-16 ta' Frar 2001 ġie ribadit illi l-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-Qrati tagħna huwa illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti u sostantiva tiegħu, kellu jiġi eżegwit fi

gżira partikolari, il-Qrati ta' dik il-gżira għandhom il-kompetenza illi jisimgħu u jiddeċiedu dik il-kawża.

Dan il-prinċipju ġie riaffermat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza tagħha tat-13 t'Ottubru 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd** fejn il-Qorti qalet hekk:-

> *"Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f'kaz ta' obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "… il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell'una delle dette isole determinatamente."*

Jibda biex jingħad illi ż-żwieġ huwa kuntratt li għalkemm *sui generis* fin-natura tiegħu, xorta waħda jinvolvi għadd ta' obbligazzjonijiet li l-partijiet jobbligaw ruħhom illi jeżegwixxu fil-konfront ta' xulxin matul il-ħajja matrimonjali.

Il-Qorti eżaminat sewwa l-fatti kif jirriżultaw minn dak li għandha quddiemha. Huwa inkontestat illi l-partijiet ikkuntrattaw żwieġ bejniethom ġewwa l-gżira Għawdxija b'tant illi l-istess żwieġ ġie reġistrat mal-uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku ġewwa Għawdex. In segwitu għall-kontrattazzjoni taż-żwieġ, il-partijiet stabbilew bħala d-dar matrimonjali tagħhom proprjetà li tinsab ġewwa l-Fontana, Għawdex. F'din l-istess proprjetà l-partijiet għexu flimkien u rabbew il-familja tagħhom sakemm isseparaw *de facto* fis-sena 2017. Għalkemm huwa minnu li wara s-separazzjoni *de facto* l-konvenuta marret tgħix ġewwa Malta, tajjeb jew ħażin il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet ġiet imwettqa ġewwa Għawdex fuq medda ta' ħamsa u għoxrin (25) sena.

Għal din il-Qorti huwa ċar illi fil-kuntest tal-fatti li għandha quddiemha, għandu japplika l-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din tal-lum hija kawża dwar divorzju liema talba hija essenzjalment konsegwenzjali u kollaterali għaż-żwieġ illi ġie ċelebrat u kuntrattat ġewwa Għawdex.

Fis-sentenza **John Mary Grima vs Francis Cutajar et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2013 il-Qorti tenniet illi:

*"għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma tkunx speċifikament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax."*

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament appena ċitat u sejra tagħmlu tagħha. It-talba tal-attur kif impostata hija aċċessorja u konsegwenzjali għaż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet. Konsegwentement, ladarba ż-żwieġ ġie ċelebrat, reġistrat u mwettaq ġewwa Għawdex, id-deċiżjoni għar-rigward il-pronunzjament tad-divorzju teskludi l-*privilegium fori*.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar il-*privilegium fori* u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż ta' din il-deċiżjoni in parte jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur